# LILL-GĦAJJUR

Għidli għala ħbub għajnejk
Xejn ma jixbhu lil tal-bieraħ
Ja għajjur?..! Tixbeh lill-qamar;
Daqqa mimli, oħra fieragħ!...—

...Xi ħsieb ħajjen berrint f'moħħok!
Turi s-sfura ta' ħaddejk;
Donnu s-semm ħiereġ bħal vleġeġ...
Biż-żebbiġ ta' ħbub għajnejk!

Daqqa tidher se tinfena
Donnha nliet qalbek bil-hemm,
Oħra donnha mfawra bl-hena
Iżda għajnejk dejjem bis-semm!

Indunajt tal-ferħ, u n-niket
Kif issir dil-bidla fik!—
Tfur bil-ferħ għad-deni t'għajrek
Iżda l-ġid ta' ħuk jifnik!

**R. M. B.**